

# Ġ 5.3 IS-SAJD U L-AKKWAKULTURA

**Ġ5.3.1**

L-iżvilupp ta' din it-tema għandha tkun biss fuq linji ġenerali. Din it-tema għandha tkun mgħallma mingħajr wisq dettalji żejda dwar kif isir is-sajd għal-lampuki.

Riċerka: Etienne Vella / Ħajr: Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura



Malta hi mdawwra bil-baħar Mediterran, għalhekk is-sajd minn dejjem kien importanti għall-Maltin. Hawn sajjieda *full-time* (xogħolhom fuq is-sajd biss) imma hawn ħafna aktar sajjieda *part-time* (xogħolhom mhux biss fuq is-sajd).

## A. Ix-xogħol tas-sajjied jibda fl-art

- Inaddaf, isewwi u jiżbogħ id-dgħajsa tas-sajd kull staġun biex iżommha dejjem fl-aqwa tagħha. B'hekk ma tkunx ta' periklu.
- Ineħħi dak kollu li jkun weħel ġox-xbiek u fin-nases, wara kull sajda. Isewwi ukoll xi ħsara li tkun saret.
- Jipprepara l-għalf li juża waqt is-sajd.
- Joħroġ ibiegħ il-ħut li jkun qabad.



Tajjeb li ngħidu li qed jonqsu ħafna s-sajjieda *full-time*. Fil-fatt hemm ħafna

aktar sajjieda ***'part-time'*** milli ***'full-time'***. Però l-iżjed li nsibu huma sajjieda li jistadu biss bħala delizzju.

Sajjieda *'full-time'* huma dawk is-sajjieda li x-xogħol tagħhom propju huwa dak ta' sajjieda. Sajjieda *'part-time'* huma dawk li jkollhom xogħol ieħor barra dak ta' sajjieda.

Hemm ħafna raġunijiet għaliex is-sajjieda *'full-time'* qed jonqsu. Fost dawn insibu:

- fuq il-baħar hemm ħafna riskji fosthom maltemp li jiltaqgħu miegħu s-sajjieda.
- dan ix-xogħol huwa ta' tbatija kbira u ħafna żgħażagħ jippreferu jsibu xogħol aktar stabbli.
- ġranet sħaħ mifrud mill-familja.
- Wara ġranet sħaħ fuq il-baħar il-qabda tista' ma tkunx tajba għalhekk is-sajjieda ma jaqalgħux flus.
- Raġuni oħra hi li l-qbid tal-ħut qiegħed dejjem jonqos, u għal din ir-raġuni qed jonqos il-profitt/qliegħ li jdaħħlu s-sajjieda, filwaqt li l-ispejjeż tas-sajjieda qegħdin dejjem jiżdiedu.
- problema oħra hi li l-apparat tal-baħar (bħal GPS, Radar) jiswew ħafna flus u d-dgħajsa stess trid ħafna flus biex iżżommha sew.



- Problema oħra li jsibu ma wiċċhom is-sajjieda Maltin hija l-kompetizzjoni ma' sajjieda barranin, bħat-Taljani u t-Tuneżini, li huma attrezzati ħafna aktar mis-sajjieda tagħna.

## B. L-Irħula tas-Sajd

L-irħula ewlenin tas-sajd f'Malta huma:

- Marsaxlokk
- San Pawl il-Baħar
- Iż-Żurrieq




L-irħula ewlenin tas-sajd f'Għawdex huma:

- L-Imġarr
- Marsalforn

## Ċ. Il-Ħut

Fost il-ħut prinċipali li jinqabad f'pajjiżna nsibu:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| il-lampuki | it-tonn | il-pixxispad | il-vopi | il-kavalli |

Il-ħut li jinqabad jittieħed il-**pixkerija** li tinsab il-Marsa. Mill-pixkerija l-ħut jittieħed biex jinbiegħ fil-ħwienet tal-ħut, restoranti u lukandi.



Il-pixkerija fil-Marsa

Il-baħar madwar il-gżejjer Maltin jiġi maqsum f'diversi partijiet. Kull sajjied imur jistad fir-**<u>rimja</u>** tiegħu.

## D. Inġenji tas-Sajd

L-inġenji tal-baħar l-iżjed komuni użati minn sajjieda Maltin huma:



**Il-Luzzu**

Luzzu fil-bajja ta' Marsaxlokk.

Innota kif fuq quddiem u fuq wara, il-luzzu ġej għall-ponta.

**Il-Kajjik**

Il-kajjikk jixbaħ ħafna il-luzzu, imma fuq in-naħa ta' wara, il-kajjikk huwa ċatt, mhux ġej għall-ponta.






**L-Iskuna**

L-Iskuna hija dgħajsa kbira armata iktar għas-sajd fit-tul; tiflaħ aktar għall-maltemp. Għalhekk meta s-sajjieda joħorġu għat-tul, jużaw lilha.